**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA U GĦOXRIN**

**9 ta' LULJU, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**28.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

28.1.1 Il-Minuti tas-seduta numru 27 ġew approvati.

***28.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

28.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 27.2.3 il-Perit Bezzina approva x-xogħol li sar fuq l-istatwa ta' Santa Marija. Kien hemm qbil li għalkemm ix-xogħol ma ingħoġobx, ġaladarba l-perit approvah, il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jaqbel li jħallas. Kien hemm qbil ukoll li l-Perit Bezzina jgħaddi r-rapport li għamel ir-restawratur.

28.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward ta' punt 27.3.2, minn mindu ntbagħtet l-ittra lir-residenti ta' Triq Santa Marija biex ma jipparkjawx fuq il-bankini, r-residenti kkoperaw u ma baqgħux jipparkjaw fuq il-bankina.

28.2.3 Kien hemm qbil li l-pulizija jiġu nfurmati li r-rampa fuq il-bankina fi Triq ir-Rettur Salv Farrugia għadha ma tneħħietx u fi Triq Goswalda Calleja saret rampa oħra li qed tostakola l-bankina u tinsab perikoluża għal min jużha.

Kien hemm qbil ukoll li l-pulizija jkunu nfurmati bil-marki li saru quddiem dar fi Triq Hal Far bla permessi, biex tittieħed l-azzjoni.

28.2.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward tax-xogħol li qed isir fi Triq Dun Nard Mallia u Triq Goswalda Calleja tkellem mal-Perit Bezzina u ma' rappreżentant tal-kumpanija li qed tagħmel ix-xogħol u ma natgħax data ta' meta ser jitkompla x-xogħol.

28.2.5 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-membri li minħabba li ġie mwaqqa ħajt fi Triq Marija Farrug u għadu ma ġiex mibni, t-triq ma tistax titkompla bil-wiċċ ġdid.
Kien hemm qbil li tinkiteb email lis-Sur Emmanuel Delia fuq dan il-każ u fuq il-każ ta' Triq Dun Salvatore Magri fejn hemm parti żgħira mit-triq mhux magħmula.

28.2.6 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-membri li l-ġnien fi Triq in-Nigret inbeda x-xogħol fuqu u l-arblu eżistenti tal-Enemalta ser jiġi fil-ħamrija.

28.2.7 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li t-tabelli li ġew ordnati għadhom ma twaħħlux u għalhekk hemm il-bżonn li tintagħat reminder. Kien hemm qbil fuq dan.

28.2.8 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li d-*dog bin* li hemm fi Vjal l-Indipendenza kien ilu jirrappurtah ġimgħat biex jitnaddaf. Din il-ġimgħa hu stess qal lill-kuntrattur Gejtu Galea u mar inaddfu dak il-ħin stess.

### *28.3 Ilmenti*

28.3.1 Il-membru Joseph Caruana qal li fi Triq San Martin kien hemm ħsara tal-ilma quddiem dar 141 u s-servizz li sar ma ingħatax manutenzjoni sew. Barra minn din inġibdet ukoll l-attenzjoni li fi Triq Kalang Saliba sar servizz u l-istess ġara ma ngħatax manutenzjoni fuqu.

Inġibdet ukoll l-attenzjoni li fi Triq E Grech hemm ilma ilu nieżel għal aktar minn 3 ġimgħat u għalkemm ġie rrappurtat għadu ma ssewwiex.

Inġibdet l-attenzjoni fuq it-Toroq Stefano Zerafa u Sqaq fi

Triq il-Kunċizzjoni li ilhom irrappurtati għal ġimgħat sħaħ u l-ilma għadu ħiereġ.

Kien hemm qbil li jsir rapport lill-WSC u lill-Ministru kkonċernat.

Kien hemm qbil ukoll li l-permessi li jiġu fl-uffiċċju tal-Kunsill jiġu printjati ġo file għalihom biex il-Kumitat Amministrattiv ikun jista jissorvelja x-xogħol li jkun sar.

28.3.2 Il-membru Joseph Caruana talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibda tagħddilu l-lista ta' xogħlijiet li qed jagħmlu l-ħaddiema tal-ETC u IPSL assenjati mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba l-volum ta' xogħol li għandhom l-impjegati tal-Kunsill, bħalissa mhumiex f'pużizzjoni li jagħmlu tali lista.

28.3.3 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li l-Bring in Site ta' Triq Kalang Saliba qed tinżamm maħmuġa.
Kien hemm qbil li jinġabru stimi ta' CCTV u tiġi installata waħda wara li titressaq seduta li jmiss.
Kien hemm qbil ukoll li jiġu nfurmati l-Green Pak fuq dan ir-rigward.

28.3.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li qed ikun hemm ħafna lmenti fuq l-art ta' Triq il-Qiegħa minħabba li qed tinżamm maħmuġa.

Kien hemm qbil li l-Viċi Chairperson tkellem lill-sid l-art biex jew inaddaf jew jwitti l-ħamrija fl-art ħalli tinżamm nadifa.

***28.4 Appuntament għas-seduta li jmiss***

28.4.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 13 ta' Awwissu, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

28.4.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-7.25 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**